# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 500**

**It-Tnejn 22 t'Ottubru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 500.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

500.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Roderick Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Roderick Vella jkun skużat.

500.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

500.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

## 500.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

500.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 499.5.2 u minflok il-kliem "fi Triq is-Santwarju" jidħol il-kliem "f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi".

500.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 499.5.9 u minflok il-kliem "fl-4 ta' Novembru 2018" jidħol il-kliem "fl-4 ta' Ottubru 2018".

500.2.3 Il-minuti tal-499 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## 500.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

500.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lil *Dimbros Limited* li huwa l-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 8/2017) peress illi kien qed jieħu fit-tul biex jagħmel ix-xogħol mitlub mill-Kunsill.

500.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied taħt il-Miżura *4.3 – Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry.*

500.3.3 Is-Sindku tkellem dwar is-sejħa għall-konċessjoni għall-kollezzjoni ta' skart ta' karti, plastik, metall u ħġieġ fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar (ZBR 7/2018) u qal illi kien ingħata parir mis-Sur Mario Fava, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jissospendi din is-sejħa peress illi l-uniku kriterju ta'

evalwazzjoni kien ser ikun il-prezz u mhux il-kwalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-konċessjoni għall-kollezzjoni ta' skart ta' karti, plastik, metall u ħġieġ fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar (ZBR 7/2018) tiġi kkanċellata.

500.3.4 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mal-Arċipriet ġiet diskussa l-possibiltà li jinfetaħ *night shelter* għall-anzjani Żabbarin fil-bini tal-istitut Dar Sagra Familja, fil-parti minn fejn kienet topera l-istamperija *Veritas Press.*

500.3.5 Is-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

500.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jikri *container* fil-grawnd tal-football tas-*St Patrick* għal prezz ta' €2,500 fis-sena sabiex jintuża bħala *storage* tal-Kunsill.

500.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni taħt il-miżura M413.A5 (*Embellishemt Projects*) sabiex jiġi ffinanzjat parti mill-proġett f'Misraħ San Nikola.

500.3.8 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx talab lill-Awtoritajiet konċernati sabiex tinħareġ *enforcement* lis-sidien tad-dar li hemm abbandunata f' Misraħ San Nikola biex isir bieb fl-arkata peress illi kien qed jintefa' skart u materjal ieħor. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

500.3.9 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mad-Direttur ta' *Y Limited* is-Sur Gordon Pace, ġiet diskussa l-possibiltà li flimkien ma' din l-kumpanija l-Kunsill jorganizza attività bl-isem ta' *Career Day* f'Ħaż-Żabbar. L-ispiża tal-Kunsill tkun għall-istampar u t-tqassim tal-*leaflets* fid-djar f'Ħaż-Żabbar u ser tiswa €500 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attività u li jħallas l-ispejjeż għat-tqassim tal-*leaflets*.

## 500.4 Tiżjin tal-Milied

500.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jsir it-tiżjin tal-Milied fi Triq is-Santwarju kif ukoll fi Triq il-Kbira.

500.4.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk matul iż-żmien tal-Milied il-Kunsill kienx ser jarma s-siġar tal-Milied f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dawl dekorattiv u aċċessorji ġodda sabiex jiġu mżejna s-siġar tal-Milied.

500.4.3 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu maż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa ġiet diskussa l-possibiltà li tiġi organizzata attività tal-Milied fit-13 u fl-14 ta'

Diċembru 2018 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività tal-Milied bil-kollaborazzjoni maż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa.

**500.5 Eschenfest 2019**

500.5.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden jibgħat artist Żabbari sabiex itella' esebizzjoni ta' arti waqt Eschenfest f'Mejju 2019. Il-Viċi-Sindku ppropona li bħala artist Żabbari jintgħażel in-Nutar William Azzopardi biex jesebixxi x-xogħlijiet tiegħu f'esebizzjoni li ser issir f'Mejju li ġej f'Eschborn. Is-Sur Brian Spiteri issekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

500.5.2 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jibgħat grupp ta' bandisti matul Eschenfest. Is-Sur John J Pace qal illi l-festa ta' Eschborn hija totalment differenti mill-festi Maltin.

500.5.3 Is-Sur Joseph Agius qal illi matul iż-żjara tad-delegazzjoni Ġermaniża f'Malta ġiet diskussa l-possibiltà li jiġi organizzat *youth camp* flimkien mal-Kunsill.

**500.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

500.6.1 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mill-25 ta' Settembru 2018 sat-22 t'Ottubru 2018 li kien jammonta għal €54,337.12.

500.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2018 li kien jammonta għal €69,74.

**500.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

500.7.1 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienet talbet lis-Sinjura Maria Camilleri sabiex issir laqgħa mal-Kunsill biex tiġi diskussa l-possibiltà li jsir *heritage trail* f'Ħaż-Żabbar kif kien ġie ssuġġerit fil-laqgħa preċedenti. Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill li s-Sinjura Camilleri irrifjutat li tattendi għal-laqgħa peress illi kienet qed toffri s-servizz ta' gwida b'mod informali.

500.7.2 Il-Viċi-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Moviment Kerygma sabiex il-Kunsill jinnomina żagħżugħ jew żagħżugħa għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018 u qal illi l-premju hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' mpenn fil-ħajja nisranija ta' kuljum. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sur Byorn Galea.

500.7.3 Il-Viċi-Sindku talab li tiġi nstallata *live web cam* f'Ħaż-Żabbar.

500.7.4 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar it-tqassim tal-kontenitur tal-iskart organiku u qal illi dawn il-kontenituri kienu għadhom ma tqassmux f'kull residenza. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jitlob *feedback* lill-kumpanija *Wasteserv* dwar it-tqassim tal-kontenitur tal-iskart organiku.

500.7.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi l-Aġenzija tal-Gvern *Infrastructure Malta* kienet fetħet sejħa għall-offerti biex fl-2019 jingħata wiċċ ġdid f'120 triq residenzjali f'Malta u Għawdex fosthom Triq ix-Xgħajra, Triq Ħadd in-Nies u Triq in-Newl.

500.7.6 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx talab li ssir r-*road hump* fi Triq Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien infurmat li *Transport Malta* kienet qed tirrevedi l-*policy* dwar ir-*road humps*.

500.7.7 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fit-22 ta' Novembru 2018 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fin-Nigret, Limiti tar-Rabat.

500.7.8 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *traffic management* fi Triq Pawlina Muscat Inglott kif ukoll fi Triq il-Kappuċċini.

500.7.9 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir it-*traffic island* fi Triq ix-Xgħajra qabel ma' toħroġ għal Triq Wied il-Għajn.

500.7.10 Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-bżonn li jsir xi ħaġa minflok il-*bollards* li hemm fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp peress illi l-*bollards* kienu qed jinqalgħu u l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien talab sabiex isir infurzar lokali.

500.7.11 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinitx ġiet ivvandalizzata siġra fi Ġnien il-Kunsill peress illi kien tqaċċat zokk ta' siġra.

500.7.12 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Ġnien il-Kunsill kien hemm familja li kienet qed tokkupa għall-ħin twil il-bandla ddedikata lill-persuni b'diżabilità. Is-Sur Agius żied jgħid illi xi wħud kienu qed jallegaw li s-*security* tal-bandli kien qed ipejjep fi Ġnien il-Kunsill.

500.7.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva suġġeriment sabiex jiġi mtawwal il-ħin tal-ftuħ tal-latrina fi Ġnien il-Kunsill.

**500.8 Mozzjonijiet; u**

500.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**500.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

500.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-501 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku